**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-Tnejn 23 ta' April 2018**

**Appell Nru: 416/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone )**

**vs**

**Anthony Fenech**

**Rodney Joe Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra **Anthony Fenech** ta' 35 sena, iben George u Josephine nee' Xuereb, imwieled Rabat Għawdex nhar is-26 ta' Settembru 1977 u residenti "Together", Triq il-Gleneagles, Għajnsielem Għawdex u detentur tal-identita' bin-numru 28377G u **Rodney Joe Farrugia**, ta' 23 sena, iben Consiglio u Loreta nee' Xerri, imwieled Rabat Għawdex nhar it-18 ta' Settembru 1989 u residenti No 42, Triq Simirat, Għajnsielem Għawdex u detentur tal-identita' bin-numru 37689G akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

bħala Qorti Istruttorja talli nhar l-10 ta' April 2013, għal ħabta tal - ħamsa ta' filgħaxija (17.00 hrs), minn ġewwa appartament nru. 594, fil-lukanda Kempinski ġewwa San Lawrenz Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa San Lawrenz Għawdex:

1. Ikkommettew serq ta' żewġ arloġġi brazzuletta, portmoni, u flus kontanti fost affarijiet oħra li b'kollox jammontaw għal total ta' madwar ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna, bil-mezz, u bil lok għad-detriment ta' Leif Bertil Ahlstroem, Ann-Marie Ingrid Spaak u/jew persuni oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

U **Rodney Joe Farrugia waħdu** ġie akkużat:

3. Talli għamel reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ġiet mogħtija lilu nhar is-7 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

4. U aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu ta' l-akkużi u dan ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju, 2016 li biha l-ewwel Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu datata 9 ta' April 2012 b'mod partikolari l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b),(c),(f), 263, 264, 267, 280, 278(3), 279(a)(b), 280(1), 49, 50, 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni (1) u lliberathom minnha u sabithom ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom u ordnat li ai termini tal-Artikiolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputati jitqiedu taħt Ordni ta' Probation u Servizz taħt is-sorveljanza ta' uffiċċjal tal-probation għal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u li jaqdu ordni ta' servizz fil-komunita' billi jagħmlu xogħol bla ħlas fejn Anthony Fenech jkollu jagħmel mija u għoxrin (120) siegħa u filwaqt li Rodney Joe Farrugia jkollu jagħmel mija u ħamsin (150) siegħa (minħabba li kien addebitat ir-reċidiva) f'dak il-post u skont l-arranġamenti li jsiru mill-uffiċċju tal-probation.

In kwantu għal dak li jirrigwarda l-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża fil-każ ta' Rodney Joe Farrugia l-Qorti qieset li mill-provi prodotti u ai termini tal-Artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali

(a) Stante n-natura tar-reat li għalih ġie misjub ħati (li huwa divers mit-tipoloġija tar-reat li kien ser jinstab ħati tiegħu fis-sentenza);
(b) Kif ukoll tal-fatt li l-imputat jidher li qabad direzzjoni tajba f'ħajtu;

Iddeċidiet li minflok ġġib fis-seħħ is-sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal tmintax (18)-il xahar skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Frar 2012 l-Qorti ordnat li l-perjodu operattiv hemmhekk speċifikat għandu jitqies li jkun jiskadi mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar mis-sentenza tal-ewwel qorti.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti kkundannat lill-imputati sabiex sa żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza tal-ewwel qorti jħallsu bejniethom is-somma ta' ħames mija u tmienja u erbgħin euro u tlettax-il ċenteżmu (€548.13) spejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, preżentat nhar it-12 ta' Awwissu, 2016, li bih talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi billi (i) tikkonfermha f'dik il-parti fejn iddikjarat lil Rodney Joe Farrugia ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u ċioe' li għamel reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, liema sentenza ġiet mogħtija lilu nhar is-7 ta' Frar, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u li sar reċediv; u (ii) tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn sabet lil Anthony Fenech u lil Rodney Joe Farrugia ħatja tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrihom ( riċettazzjoni) u minflok issibhom ħatja tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrihom (serq aggravat bil-valur, bil-persuna, bil-mezz u bil-lok) u sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-każ skont il-liġi u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inklużi d-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehedu f'din l-istanza u wkoll id-dokumenti esibiti fl-istess istanza, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-13 ta' April 2013 għall-ħabta tas-1.00 pm Leif Bertil Ahlstroem u Ann-Marie Ingrid Spaak irrapportaw l-għassa tar-Rabat Għawdex li fl-10 ta' April 2013 għall-ħabta tas-6 pm huma ħarġu mill-flat tagħhom numru 594 u li jagħmel parti mill-lukanda Kempinski f'San Lawrenz. X'ħin irritornaw lura għall-ħabta tad-9.00 pm nstab li l-bieb tal-flat mhux msakkar sewwa.

Wara xi ħin ndunaw li kien daħlilhom xi ħadd li seraqhom. Fost l-oġġetti misruqa kien hemm wallet, brazzuletta tal-fidda tal-valur ta' madwar €400, 6000 fi flus Svediżi, u €1,400, arlogg tal-idejn tad-deheb Rolex tal-valur ta' ċirka €15,000 u ieħor Chanele tal-valur ta' ċirka €5000.

**6.** Minn investigazzjonijiet li saru rriżulta li ċertu John Grima kien mar il-Bank biex isarraf flus Svediżi. Dan Grima kien stqarr mal-pulizija li l-flus Svediżi kien għaddihomlu l-imputat Rodney Farrugia li ġie arrestat. Saret perkwiżiżżjoni fil-karozza ta' Rodney Farrugia iżda ma nstab xejn mir-refurtiva (fol 68). Aktar tard, iżda, meta l-pulizija kellha aktar informazzjoni f'idejha, l-istess appellat Rodney Farrugia reġa ġie arrestat u din id-darba indika lill-pulizija post fejn nstabet kaxxa bi brazzuletta *Hermes* u arloġġ tal-marka *Chanel* li kienu parti mir-rifurtiva misruqa mill-appartament ta' Leif Bertil Ahlstroem u Ann-Marie Ingrid Spaak.

**7.** L-imputat Rodney Joe Farrugia rrilaxxja aktar minn stqarrija waħda lill-pulizija. Fil-kors tal-investigazzjoni ġie interrogat ukoll l-imputat Anthony Fenech li wkoll irrilaxxja stqarrijiet lill-pulizija.

**8.** L-aggravju ewlieni tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda l-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti għalkemm fil-kors tas-sottomissjonijiet tiegħu sabiex juri li l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien manifestament żbaljat l-appellant inevitabilment għamel numru ta' kunsiderazzjonijiet ta' natura legali. Tant hu hekk li l-appellant mkien ma jsostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata f'xi kunsiderazzjoni legali li għamlet iżda jsostni biss li fuq il-bażi tal-provi prodotti l-ewwel Qorti kellha neċessarjament tasal għall-konklużjoni li r-reat ta' serq addebitat lill-imputati appellati kellu jirriżulta mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

**9.** Il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti rigward aggravju ta' din ix-xorta hi ormai ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-

provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**Ikkunsidrat**

**10.** Apparti li Rodney Joe Farrugia ġie addebitat ukoll li għamel reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u li sar reċediv b'diversi sentenzi, l-imputati appellati ġew imressqa l-Qorti fuq żewġ imputazzjonijiet, l-ewwel waħda ta' serq aggravat bil-valur, bil-persuna, bil-mezz u bil-lok u t-tieni bir-reat ta' riċetazzjoni. L-ewwel Qorti sabet ħtija dwar ir-reat ta' riċetazzjoni iżda mhux għad-delitt ta' serq. L-appellant Avukat Ġenerali jsostni li rriżulta provi mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tar-reat ta' serq li minnu l-appellati ġew liberati.

**11.** Dwar l-imputazzjoni ta' serq l-ewwel Qorti esponiet il-prinċipji legali relevanti billi enunċjat id-definizjoni tar-reat ta' serq, ikkunsidrat fit-tul fiex jikonsistu legalment l-aggravji ta' serq addebitati lill-imputati appellati, spjegat x'inhuma provi diretti u indiretti u l-portata tagħhom, il-grad tal-prova u l-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-ħtija o meno ta' persuna, iżda, ma tistax tiġi determinata unikament billi jiġu spjegati l-prinċipji legali għaliex il-ħtija o meno ta' persuna imputata trid neċessarjament tiġi stabbilita permezz tal-provi prodotti u bħala konsegwenza tal-evalwazzjoni li ssir ta' dawk il-provi.

**12.** L-"evalwazzjoni" tal-provi kif ġie artikolat mill-ewwel Qorti għar-rigward tal-imputazzjoni ta' serq, iżda, għal darb' oħra kien skars għal kollox. Dik il-Qorti llimitat ruħha filli tistqarr li ma kienet teżisti l-ebda prova diretta li torbot "lill-imputat" mar-reat ta' serq u li għalhekk riedet tevalwa l-provi prodotti biex tara jekk dawn iwasslux għall-konklużjoni univoka li

kienu l-imputati “u ħadd aktar minnhom” li kkommettew ir-reat li bih kienu imputati. Wieħed kien jistenna li f’’dan l-istadju tas-sentenza jsib artikolata din l-evalwazzjoni tal-provi li l-ewwel Qorti rriteniet korrettement li kienet neċessarja. Minflok, iżda, wieħed isib li l-Qorti stqarret biss li “ma tħossx” li tista’ ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni ta’ serq peress li kien hemm “dak il-*lurking doubt* dwar il-ħtija tagħhom” u li ma setatx tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati kienu wettqu s-serqa. Ma ingħatat ebda spjegazzjoni dwar minn fejn kien jemerġi dan id-dubju u ma ġiet esternata ebda kunsiderazzjoni dwar dak li rriżultalha u ma rriżultalhiex mill-provi, liema provi kienet qed tistrieħ fuqhom u liema kienet qed tiskarta. Dan jirrendi ferm aktar diffiċli l-kompitu ta’ din il-Qorti li teżamina jekk l-apprezzament u konklużjonijiet tal-ewwel Qorti kienux raġionevoli u ssostenibbli, għalkemm mhux neċessarjament kondivizi, aktar diffiċli mis-soltu iżda din il-Qorti ma tistax tabdika mid-dover tagħha li tespleta l-kompitu tagħha skont il-liġi.

**13.** Stranament l-ewwel Qorti ma għamlet ebda konsiderazzjoni dwar id-diversi stqarrijiet li għamlu l-imputati appellati. Ma jirriżultax li eskludiethom bħala prova kontra min għamilhom. Anqas jirriżulta li sabet xi vizzju fl-istess stqarrijiet u tassew anqas ma ġie allegat xi tali vizzju mid-difiża tal-appellati la fl-ewwel istanza u anqas f’din l-istanza. Dak li ġie sottomess mid-difiża dwar l-istess stqarrijiet kien biss li l-istqarrija ta’ imputat ma hix ammissibbli bħala prova kontra l-imputat l-ieħor, li hu dak li tipprovdi l-liġi. Ġie wkoll sottomess għall-appellat Rodney Joe Farrugia li “għalkemm ma kien hemm xejn proċeduralment skorrett fit-teħid tal-istqarrija mingħand l-akkużat, din l-istqarrija ma għandhiex tingħata valur probatorju għoli, u biex tikkonvinċi lil din l-Onorabbli Qorti trid tkun neċessarjament korraborata bi provi oħrajn imressqa mill-prosekuzzjoni”[1]. Sostanzjalment kienu fl-istess sens is-sottomissjonijet

[1] Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ Rodney Joe Farrugia fol. 463; għalkemm fin-nota tiegħu l-appellat jirreferi għal “stqarrija” fis-singular jidher li s-sottomissjoni tiegħu kienet intiża għall-istqarrijiet kollha li għamel.

tal-appellat Anthony Fenech li sostna li l-istqarrijiet ta' Rodney Joe Farrugia huma inammissibbli fil-konfront tiegħu u in ġenerali żied li l-prosekuzzjoni ma ġabetx l-aħjar prova tal-ħtija tiegħu[2]. Dawn is-sottomissjonijiet jirrigwardaw il-piż u l-valur probatorju li għandu jingħata lill-istqarrijiet tal-appellat u mhux l-ammissibilita' tal-istess stqarrijiet fil-konfront ta' min stqarrhom.

**14.** L-imputat appellat Anthony Fenech rrilaxxja żewġ stqarrijiet. L-ewwel stqarrija saret fit-13 ta' April 2013 wara li ffirma dikjarazzjoni bil-miktub li kien qiegħed jirrifjuta li jkellem avukat ta' fiduċja tiegħu qabel ma jiġi interrogat mill-pulizija u dan rigward serq minn ġewwa appartament fil-lukanda Kempinski f'San Lawrenz Għawdex. It-tieni stqarrija saret minnu fl-24 ta' April 2013 wara li kkonsulta lill-avukat tiegħu. Fl-ewwel stqarrija Fenech stqarr li ma kien jaf xejn dwar xi serq ta' oġġetti mill-appartament ta' Leif Bertil Ahlstroem fil-lukanda Kempinski iżda stqarr ukoll li kien jaħdem fil-manutenzjoni f'dik il-lukanda u kien għamel xi xogħol lil Ahlstroem f'appartement ieħor li kellu f'Chambray.

**15.** Fit-tieni stqarrija tiegħu Anthony Fenech stqarr li huwa kien ltaqa' ma' Rodney Joe Farrugia u dan kien aċċetta li jieħu sehem ma' Fenech f'biċċa xogħol ta' manutenzjoni fis-sitt sular tal-Lukanda Kempinski u Fenech ħa lil Farrugia fuq il-post l-ewwel fis-sitt sular imbgħad fil-ħames sular fejn kien hemm l-appartament ta' Ahlstroem biex juri lil Farrugia "x'hemm u x'mhemmx." Fenech kellu card li tiftaħ l-appartamenti kollha u bl-istess card huwa fetaħ il-bieb tal-appartament ta' Ahlstroem liema appartament kien ġia lest. Fenech jgħid li wera lil Farrugia kif kien l-appartament ta' Ahlstroem minn ġewwa u qallu li Ahlstroem kien wieħed sinjur u li kien jeħodlu ħsieb appartament li Ahlstroem kellu f'Chambray, Għajnsielem. Żied jistqarr li Farrugia kien qallu xi diskors bħal xi wieħed li kien interessat jidħol u jisraq mill-appartament u Fenech wieġbu li ma

[2] Nota ta' sottomissjonijiet ta' Anthony Fenech fol. 473-474

kienetx xi ħaġa ta' barra minn hawn għaliex l-aċċess għall-appartament kien faċli u urieh shaft li taħtu kien hemm appartament vojt u li kien faċli biex tidħol minnu.

**16.** Fenech żied jistqarr li dak iż-żmien Ahlstroem ma kienx Malta u li għalhekk Farrugia qallu li jerġgħu jitkellmu wara li Ahlstroem jiġi lura u qal ukoll li wara li għaddiet ġimgħa hu u Farrugia reġgħu tkellmu u Farrugia mill-ewwel dawwar id-diskors fuq is-serqa li kellu f'moħħu u saqsieh jekk Ahlstroem kienx ġie lura u meta kien ser jiġi lura. Fenech żied jgħid li kien ltaqa' ma' Farrugia diversi drabi oħra u Farrugia kien dejjem isaqsih Ahlstroem kienx irritorna Malta. Meta Ahlstroem ġie lura Malta Fenech jgħid li informa b'dan lil Farrugia u fid-9 ta' April 2013 huwa kien iltaqa' ma' Farrugia u qallu li 'l għada 10 ta' April Ahlstroem ma kienx ser ikun fl-appartament ta' San Lawrenz għall-ħabta tal-5.30 pm peress li huwa (Fenech) kien ser jiltaqa' ma Ahlstroem f'Chambray f'Għajnsielem u li għalhekk jekk ried jidħol fl-appartement ta' Ahlstroem huma kellhom jiltaqgħu għall-ħabta tal-3.45 pm quddiem il-lukanda Kempinski fin-naħa tal-ġenb fejn Fenech kien ser ikollu pparkjat it-truck tiegħu.

**17.** Fenech żied jistqarr mal-pulizija li Farrugia kien ġie liebes normali b't-shirt u huwa kien ta lil Farrugia beritta u biċċa flok biex jilbishom qabel ma jidħol waqt li Farrugia kien ġab miegħu nuċċali tax-xemx u par ingwanti. Fenech jgħid li wera lil Farrugia minn fejn kellu jgħaddi biex jidħol fl-appartament taħt dak ta' Ahlstroem u minn hemm Farrugia kellu jidħol fix-shaft u minn hemm jitla' u jidħol fl-appartament ta' Ahlstroem. Farrugia imbgħad kellu joħroġ eżattament minn fejn daħal. Fenech jgħid li peress li kien għadu l-ħin huwa mar lejn id-dar u fil-5.30 pm huwa mar jiltaqa' ma Ahlstroem f'Chambray. Fenech jgħid li huwa u Farrugia ftehmu li ma jitkellmux dakinhar iżda li kellhom jitkellmu l' għada tas-serqa u li fil-fatt hekk ġara.

**18.** Fenech imbgħad ikompli jirrakkonta kif 'Igħada ltaqa' ma' Farrugia u marru d-dar tiegħu u ċioe ta' Farrugia u li hemm Farrugia ġab minn wara nkwatru portmoni b'xi flus barranin tal-ħames mija, żewġ arloġġi li wieħed minnhom kien Rolex kulur id-deheb u l-ieħor x'aktarx kulur il-fidda u kaxxa aranċjo li kellha ċappetta (brazzuletta) ġo fiha. Flus kien hemm xi sitta jew tmien karti iżda flus Euro ma rax. Dwar l-arloġġ Rolex Farrugia qal lil Fenech li tiegħu seta jġib €10,000 minn għand xi ħadd tad-deheb fir-Rabat.

**19.** Fenech iddeskriva wkoll fid-dettal kif is-Sibt 13 ta' April huwa u Farrugia kienu ftehemu li jmorru jsarrfu l-flus fl-ajruport ta' Malta iżda meta kienu Malta Fenech nfixel u ma setax isib it-triq għall-ajruport u għalhekk irritornaw Għawdex mingħajr ma sarrfu l-flus. Wara li ta diversi dettalji oħra Fenech stqarr li dakinhar li ġie arrestat mill-pulizija fit-13 ta' April u wara li ġie rilaxxjat huwa mar ifittex lil Farrugia u qallu li kien ġie arrestat mill-pulizija u qallu jeħles mill-arloġġ u mill-oġġetti l-oħra. Fenech jgħid li xi ġranet wara reġa ltaqa' ma' Farrugia u dan qallu li l-aktar li seta jġib tal-arloġġ kienu €1800 u ftehemu kif kellhom jaqsmu l-flus. Aktar tard jgħid li kien reġa ltaqa' ma' Farrugia u dan qallu li kien ħeles mill-arloġġ u li tiegħu kien ġabar €1800 iżda kien ser jgħaddilu l-flus darb'oħra għaliex kien ħbihom. Fenech ta aktar dettalji bi tweġiba għad-domandi tal-pulizija.

**20.** In kwantu għall-imputat Rodney Joe Farrugia dan irrilaxxja lill-pulizija tlett stqarrijiet waħda fl-20 ta' April 2013, it-tieni waħda fit-23 ta' April 2013 u t-tielet waħda fl-24 ta' April 2013. Kull stqarrija ġiet rilaxxjata wara li l-imputat Farrugia kellem lill-avukat tiegħu.

**21.** Leif Ahstroem xehed li mill-appartament tiegħu kienu nsterqu żewġ arloġġi, wieħed Rolex u ieħor tal-marka Chanel, brazzuletta tal-marka Hermes, wallet ta' martu li kien fih 6000 kroner Svediżi u €1400 f'karti. Minn indaġnijiet li għamlet il-pulizija mal-banek irriżulta li ċertu John Grima fis-16 ta' April 2013 kien mar sarraf 3850 Kroner Svediżi mal-Bank

of Valletta.  Dawn issarrfu għal €440.48. John Grima xehed li kien  ħabib tal-imputat   Rodney Farrugia u kien sarraflu  xi flus Svediżi fil-bank fix-Xagħra u li wara li sarraflu l-flus huwa ta l-flus li rċieva lil Rodney Farrugia.

**22.** Mistoqsi mill-pulizija Farrugia fl-ewwel stqarrija tiegħu stqarr li huwa kien sab barra sebgħa karti fi flus barranin tal-500, tnejn tal-100 u waħda tal-50. Qal ukoll li kien ltaqa' ma' Ġanni l-Peps u flimkien marru x-Xagħra Għawdex u Ġanni daħal il-Bank of Valletta biex isarraf il-flus waqt li huwa baqa' barra. Ġanni imbgħad ikkonsenjalu l-flus li kien irċieva minn għand il-Bank bħala l-ekwivalenti tal-flus barranin. Jgħid li minn għand Ganni rċieva €440 li minnhom tah €80  talli sarraflu l-flus.  Huwa jgħid li 'l għada sar jaf  bis-serqa li ma kienx jaf minn fejn u li fiha kienu nsterqu xi arloġġi u xi flus.

**23.** Jirriżulta li fit-23  ta' April 2013 l-imputat Rodney Farrugia kien ħa lill-pulizija f'inħawi magħrufa bħala Ġebel l-Aħmar fil-limiti ta' Għajnsielem u hemmhekk għadda lill-pulizija arloġġ Chanel u brazzuletta Hermes li kienu moħbija ġo katusa f'għalqa li kienet tidher abbandunata. Aktar tard Farrugia rrilaxxja t-tieni stqarrija tiegħu lill-pulizija wara li kien kellem lill-avukat tiegħu u f'din l-okkażżjoni stqarr li f'ġurnata  minnhom kien mar fuqu l-imputat Fenech u talbu jwasslu San Lawrenz u ħallieh maġemb gate fuq wara tal-lukanda ta' San Lawrenz. Qal li Fenech kien talbu jistennieh madwar nofs siegħa  u hu hekk għamel. Skont Farrugia, meta Fenech ġie lura qallu jieħdu Għajnsielem u  hemm Fenech tah xi flus barranin li kienu dawk li wara sarraf. Fenech tah ukoll brazzuletta u arloġġ u qallu jitfagħhom x'imkien fejn ma jsibhom ħadd u biex ma jparla ma ħadd għaliex altrimenti jpattiha. Fenech imbgħad telaq u Farrugia stqarr li mar tefa' l-arloġġ u l-brazzuletta ġo l-għalqa fejn kien ħa lill-pulizija. Huwa sostna li me kienx jaf li l-oġġetti kienu misruqa iżda ħaseb ħażin x'ħin Fenech qallu biex ma jparla xejn. Huwa kompla jistqarr li ma kienx jaf li Fenech kien ser imur jisraq. Wara mar isarraf il-flus barranin.

**24.** Fit-tielet stqarrija tiegħu tal-24 ta' April 2013 Farrugia jgħid li ġurnata qabel is-serqa ċempillu Fenech biex jiltaqgħu Għansielem. Meta ltaqgħu Fenech saqsieh kienx jitħajjar jagħmel biċċa xogħol. Farrugia staqsieh x'kienet il-biċċa xogħol u Fenech wieġbu li 'l għada kellu jiltaqa' ma' wieħed Ingliż f'Chambray fil- 5.30 pm u Fenech qallu biex dakinhar imorru San Lawrenz u hu (Fenech) kien ser jgħidlu minn fejn jgħaddi biex jidħol ġewwa l-appartament tal-Ingliż li kellu xi affarijiet bħal Rolex u oġġetti oħra biex jisraqhom. Farrugia qal li wieġeb li dan ix-xogħol ma jagħmlux. Fenech qallu li kollox sew u biex jiltaqgħu 'l għada. Meta ltaqgħu 'l għada Fenech rikeb fil-karozza ma' Farrugia u qal lil Farrugia jsuq għal San Lawrenz u qallu li xogħolu kien li jtellgħu, jistennieh nofs siegħa fejn il-lukanda n-naħa ta' wara u jibqa' jistennieh barra sakemm joħroġ għaliex fil-5.30 pm ried jiltaqa' mal-Ingliż f'Chambray. Farrugia jgħid li wassal lil Fenech maġemb il-lukanda. Fenech ħareġ mill-karozza u l-gate kienet miftuħa. Farrugia jgħid li huwa baqa' fil-karozza jistenna bħal ma kien qallu jagħmel Fenech. Dan irritorna fil-5.15 jew 5.20 u kellu jaqbeż il-gate għaliex laħqu għalquha. Fenech qallu biex isuq lejn Għajnsielem u hu hekk għamel u x'ħin waslu Għajnsielem Fenech tah qalziet, flok, papoċċ u kappuna li huwa għadda lill-pulizija. Farrugia jgħid li Fenech tah ukoll arloġġ, brazzuletta u xi flus barranin. Jgħid ukoll li filwaqt li imbgħad Fenech mar jiltaqa' mal-persuna li kien għadu kif seraq huwa (Farrugia) mar tefa l-ħwejjeġ id-dar fejn sabuhom il-pulizija waqt li l-arloġġ u l-brazzuletta għamilhom fejn kien ħa lill-pulizija minn fejn ġabruhom.

**25.** Farrugia żied jgħid li Fenech riedu jwasslu biex huwa (Fenech) jmur jisraq u ma jkunx hemm suspetti fuqu[3]. Farrugia kompla jistqarr li la l-ġurnata ta' qabel Fenech kien staqsieh biex jidħol jisraq u x'ħin hu ma

[3] Fol 27

aċċettax qallu biex mela (Farrugia) jwassal lilu, Farrugia irrealizza li Fenech kien sejjer jisraq. Mistoqsi għaliex wassal lil Fenech la darba kien jaf li Fenech kien sejjer jisraq Farrugia wieġeb li hu kkonferma li Fenech kien dieħel jisraq x'ħin wasslu fejn il-lukanda. Mistoqsi għaliex la darba kien jaf li Fenech kien ser jidħol jisraq għaliex baqa' jistennieh Farrugia wieġeb li għax Fenech qallu biex jistennieh u li la qallu hekk ma kienx ser jaqbad u jitlaq u beża' ftit minnu wkoll għalkemm żied li Fenech ma għamillu xejn biex jisforzah iwasslu jew biex joqgħod jistenna[4].

**26.** Għandu jingħad li x-xhud Victoria Doerr li nstemgħet quddiem din il-Qorti ma żiedet xejn ta' sustanza dwar il-każ u x-xiehda tagħha kienet piuttost konfużjonarja u konsistenti prinċipalment fi spekulazzjoni u xiehda *detto del detto* u li għalhekk din il-qorti ma tistax tagħtiha piż probatorju. In kwantu għal messaġġ li bagħat l-imputat Fenech lil Victoria Doerr li fih semma li kien qiegħed jagħmel xi xogħol lill-Maġistrat Joseph Mifsud xehed l-istess imputat dwar dan l-inċident u għalkemm aċċetta li l-messaġġ kien bagħtu hu huwa xehed li fih kien gideb. Il-Maġistrat Mifsud ukoll xehed f'din l-istanza u ċaħad dak li ntqal fil-messaġġ.

**27.** Għaldaqstant kull wieħed mill-imputati appellati fl-istqarrijiet li għamlu lill-pulizija stqarrew is-sehem rispettiv tagħhom fis-serq in kwistjoni iżda kull wieħed minnhom jaddossa l-esekuzzjoni materjali tar-reat lill-ieħor. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni sabiex ma tagħtix piż probatorju lill-istqarrijiet tal-imputati u l-ewwel qorti wkoll ma tagħti ebda raġuni għaliex ma kellux jingħata tali piż lill-istqarrijiet. Hija llimitat ruħha filli tgħid li ma teżisti l-ebda prova diretta li torbot lill-imputat mar-reat fl-ewwel imputazzjoni. Iżda kif irrilevat il-prosekuzzjoni, dan ma hux korrett għaliex l-istqarrijiet tal-imputati huma tali provi diretti u ma jirriżultax li l-ewwel Qorti rriteniet l-istess stqarrijiet inammissibbli u daltronde anqas l-istess imputati ma għamlu xi sottomissjoni li l-istess stqarrijiet ma humiex

[4] ibid

ammissibbli fil-konfront ta' min għamilhom. Din il-Qorti għalhekk ma ssib ebda raġuni biex tiskarta l-konfessjoni tal-imputati in kwantu jammettu l-involviment tagħhom fir-reat ta' serq in kwistjoni.

**28.** L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-provi prodotti ma jwassluhiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati wettqu s-serqa. Iżda dan kien biss parti mill-eżerċizzju li kellha tagħmel. Fin-nuqqas ta' provi li l-imputati kienu l-awturi tar-reat ta' serq addebitat lilhom l-ewwel Qorti ma setgħetx tieqaf hemm iżda kellha tissokta teżamina jekk kienx hemm provi biżżejjed sabiex l-imputati jiġu ritenuti kompliċi fir-reat ta' serq addebitat lilhom.

**29.** Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ dan kien imperattiv li jsir tenut kont in partikolari ta' dak previst fl-artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reż applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura bl-artikolu 525(3) tal-istess Kodiċi. L-artikolu 467(3) msemmi jipprovdi li:

> "Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed minnhom jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi."

**30.** Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ma ġiex pruvat minn liema wieħed jew uħud mill-imputati appellati sar ir-reat addebitat lilhom fl-ewwel imputazzjoni iżda din il-Qorti hi wkoll sodisfatta li ġie pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-istess reat sar minn wiehed minnhom jew aktar. Il-Qorti hi wkoll sodisfatta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li kull wieħed mill-imputati ħa sehem fir-reat biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi fir-reat.

**31.** Irriżulta li Anthony Fenech, qabel is-serqa, ħa lill-awtur tad-delitt, kien min kien, fuq is-sit tal-appartamenti tal-lukanda Kempinski fis-sitt sular, daħħlu bil-card tiegħu fl-appartament li minnu eventwalment saret is-serqa, ta lill-awtur tar-reat informazzjoni dwar jekk l-okkupant tal-appartament kienx iħalli flus fih, u meta l-awtur tar-reat skont Fenech wera li kien interessat li jidħol fl-appartament biex jisraq Fenech urih shaft li minnu seta' faċilment jaċċedi għall-appartament. Inoltre skont Fenech huwa ssenjala lill-awtur tar-reat id-data u ħin propizji sabiex l-awtur jidħol jisraq mill-appartament, ikkonsenjalu xi ħwejjeġ biex jilbishom fis-serqa, fid-data tas-serqa wassal lill-awtur fuq il-post, u tah struzzjonijiet dwar kif seta jidħol fl-appartament minn fejn saret is-serqa. Dan l-għemil tal-imputat Anthony Fenech indubbjament jirrendih kompliċi fir-reat ta' serq aggravat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

**32.** In kwantu għall-imputat Farrugia irriżulta li qabel is-serqa l-istess Farrugia ġie avviċinat mill-awtur tas-serqa biex 'l għada jmorru San Lawrenz biex hemm fuq struzzjonijiet tal-awtur tad-delitt Farrugia jidħol ġewwa l-appartament biex minn hemm ikun jista' jagħmel is-serqa. Farrugia rrifjuta jagħmel dan iżda huwa u l-awtur tas-serqa xorta ftehemu li l' għada jiltaqgħu. Meta ltaqgħu l-awtur qal lil Farrugia biex iwasslu bil-karozza sa San Lawrenz u tah struzzjonijet sabiex iwasslu fejn il-lukanda u jistennieh nofs siegħa. Farrugia għamel kif qallu l-awtur tas-serqa skont Farrugia. Meta l-awtur tas-serqa rritorna wara s-serqa qal lil Farrugia sabiex iwasslu Għajnsielem u Farrugia hekk għamel u x'ħin waslu l-awtur tas-serqa ta lil Farrugia brazzuletta u arloġġ biex jitfagħhom x'imkien fejn ma jsibhom ħadd. Farrugia kien jaf li l-awtur tas-serqa riedu jwasslu biex imur jisraq biex ma jaqgħux suspetti fuqu u ċioe fuq l-awtur. Farrugia kien konsapevoli li kien sejjer iwassal lill-awtur fuq il-post fejn kien ser jagħmel is-serqa. Dan ikkonfermah x'ħin wassal lill-awtur fejn il-lukanda u baqa jistennieh sakemm irritorna. Dan l-għemil ta' Rodney Joe Farrugia

jirrendih kompliċi fir-reat ta' serq aggravat addebtat lilu fl-ewwel imputazzjoni.

**33.** Għandu jiġi rilevat li dak li jirriżulta mill-istqarrijiet tal-imputati jsib ukoll sostenn fi provi oħra indizzjarji li ġew senjalati fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali[5] u li għalihom din il-Qorti tagħmel riferenza.

**34.** In kwantu għall-aggravji din il-Qorti taqbel mal-ewwel qorti li l-aggravji addebitati mill-prosekuzzjoni jirriżultaw pruvati kif irriteniet l-ewwel Qorti b'dan iżda li l-aggravju tal-ammont jirriżulta li jeċċedi l-€2,392.37.

**35.** Il-Qorti għalhekk ser issib lill-imputati appellati ħatja bħala kompliċi fl-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur li jeċċedi l-€2,392.37, mezz, lok u persuna.

**36.** In kwantu għall-piena din il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni l-gravita' tar-reati li tagħhom qiegħdin jinstabu ħatja u ċ-ċirkostanzi li fihom ġew kommessi fejn ttradew il-fiduċja ta' min fdahom u prrovdilhom ix-xogħol, il-fedina penali tal-imputati, kif ukoll il-fatt li parti mir-refurtiva ta' valur sostanzjali baqgħet ma ġietx rikoverata, kif ukoll li rriżulta li l-imputati ġia għamlu numru ta' siegħat f'xoghol fil-komunita' in esekuzzjoni tas-sentenza appellata[6].

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali fis-sens li ġej billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tħassarha u tirrevokha fejn sabet lill-imputati appellati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni u lliberathom minnha u fejn sabithom ħatja tat-tieni imputazzjoni u ordnat li ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputati jitqiegħdu taħt Ordni ta' Probation u Servizz

[5] Fol 535 *a calce* – fol. 536
[6] Ara fol 607-698, 701-702

taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-probation għal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u minflok ssib lill-istess imputati appellati ħatja ta' kompliċita' fir-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni u tikkonfermha fil-bqija; u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(d)(e), 263(a), 267, 268(c), 269(g), 278, 279(b), 280, 281, 467(3) 525(3), 533, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-imputat appellat Anthony Fenech għall-piena ta' priġunerija effettiva ta' tmintax-il xahar u tikkundanna lill-imputat appellat Rodney Joe Farrugia għall-piena ta' priġunerija effettiva għal żmien sentejn. Il-perijodu ta' sitt xhur imsemmi fis-sentenza appellata jibda jiddekorri mill-lum.

Silvio Camilleri
Prim Imħallef